MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 28/2005/1

Michael u Felicia konjugi Seychell

-vs-

Antoine Attard Gialanze'

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Michael u Felicia konjugi Seychell fejn jesponu b' rispett:

Illi huma jikru lill- intimata l- garage 12, 'Anna', fi Triq l-Iskola, Fgura, bil- kera ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) fis- sena pagabbli kull tlett xhur bil- quddiem l- ewwel skadenza dovuta fit- 3 ta' Gunju 2005;

Illi l- intimata, nonostante interpellata diversi drabi, ilha ma thallas il- kera mit- 3 ta' Marzu 1995 u ghalhekk tinsab moruza skond il- ligi.

Ghaldaqstant ir- rikorrenti umilment jitolbu li dan il- Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l- pussess tal- imsemmi garage billi l- intimtata tigi kundannata tizgombra minnu fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss.

Ra li l- intimata debitament notifikata ma deheritx.

Ra l- atti fejn fl- ahhar verbal hemm zball billi r- rikors thawwad ma iehor u ma kienx kontestat.

Ra l- art. 30 tal- Kap. 69.

Jilqa’ t- talba tar- rikorrenti u jawtorizzhom jiehdu f’ idejhom il- garage 12, ‘Anna’, fi Triq l- Iskola, Fgura; ghall- ghan ta’ tkeccija jaghti xahar zmien m’ illum; l- ispejjez jithallsu mill- intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------